**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Dicembru, 2016

Rikors Nru : 426/16 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi huwa zzewweg lill-intimata, u cioe lil CD permezz ta' cerimonja religjuza celebrata fil-Knisja tal-Immakulata Omm tal-Knisja gewwa l-Ibragg, nhar l-ghaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009);
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx ulied;

3. Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Awwissu, tas-sena elfejn u tnax (2012);

4. Illi ma hemm ebda pendenza ta' manteniment bejn ir-rikorrenti u l-intimata;

5. Illi fil-fatt ghaddew ferm oltre erba` (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali bejn il-partijiet u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

6. Illi **ghaldaqstant, jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;**

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. TIDDIKJARA z-zwieg tar-rikorrenti ma' C D mahlul, u li konsegwentement il-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

2. TORDNA lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha iddikjarat illi hija taqbel mat-talba tar-rikorrenti ghall-hall taz-zwieg bejn il-partijiet stante li ma hemmx prospetti ta' rikonciljazzjoni u li l-partijiet ilhom separati ghal iktar minn erba snin;

Illi l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez tal-prezenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Settembru 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Awissu 2012 u ilhom ghalhekk de facto separati ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.